Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0016

L-elezzjonijiet presidenzjali fil-Honduras, in-nonrikonoxximent tar-riżultat mill-amministrazzjoni preżenti u l-attakki fuq membri tal-oppożizzjoni tal-Assemblea Nazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Jannar 2026 dwar l-elezzjonijiet presidenzjali fil-Honduras, in-nonrikonoxximent tar-riżultat mill-amministrazzjoni preżenti u l-attakki fuq membri tal-oppożizzjoni tal-Assemblea Nazzjonali (2026/2571(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-12 ta' Diċembru 2025, tal-25 ta' Diċembru 2025 u tat-13 ta' Jannar 2026 mill-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar il-proċess elettorali fil-Honduras,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-elezzjonijiet ġenerali fil-Honduras saru fit-30 ta' Novembru 2025 fost livelli għoljin ta' polarizzazzjoni politika, indħil barrani, tensjonijiet, fraġilità istituzzjonali u intimidazzjoni tal-media; billi fl-24 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) tal-Honduras ipproklama uffiċjalment lil Nasry Asfura bħala President elett u ċċertifika r-riżultati tal-kungress u dawk muniċipali;

B. billi ntbagħtu osservaturi nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), u dawn iddikjaraw li r-riżultati jirriflettu r-rieda tal-poplu; billi r-riżultat kien rikonoxxut internazzjonalment, minkejja li sa ftit ilu l-president preżenti, Xiomara Castro, fost l-oħrajn, kienet irrifjutat li tirrikonoxxi r-rebħa ta' Asfura;

C. billi l-membri tas-CNE ffaċċjaw theddid u intimidazzjoni fil-kuntest tal-vjolenza politika u t-tensjonijiet relatati mal-proċess elettorali;

D. billi fit-8 ta' Jannar 2026, id-Deputat Gladys López, tal-Partit Nazzjonali fl-oppożizzjoni ndarbet minn apparat esplożiv fil-Kungress

Nazzjonali; billi dan l-attakk seħħ fost l-intensifikazzjoni tat-tensjonijiet ta’ wara l-elezzjoni u jirrappreżenta eskalazzjoni tal-vjolenza politika, li tqajjem tħassib serju dwar il-pluraliżmu politiku, l-immunità parlamentari u s-sigurtà personali;

E. billi fl-10 ta’ Jannar 2026, il-president li l-mandat tagħha se jintemm, ordnat għadd mill-ġdid permezz ta’ digriet, u b’hekk evitat il-proċeduri kostituzzjonali; billi s-CNE ddikjarat li dan id-digriet mhuwiex kostituzzjonali u huwa tentattiv ta’ użurpazzjoni tal-awtorità elettorali;

F. billi skont il-Kostituzzjoni, is-27 ta’ Jannar 2026 hija d-data tat-tranżizzjoni presidenzjali uffiċjali, li l-president preżenti impenjat ruħha għaliha;

1. Jisħaq li r-rieda tal-poplu tal-Honduras trid tiġi rrispettata; jirrikonoxxi lil Nasry Asfura bħala l-President elett;

2. Jistieden lill-amministrazzjoni preżenti tirrispetta r-riżultati elettorali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jintemmu l-vjolenza u l-intimidazzjoni, b’mod partikolari kontra l-membri tal-oppożizzjoni u l-uffiċjali elettorali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Honduras jiggarantixxu s-sikurezza u s-sigurtà tal-istituzzjonijiet demokratiċi kollha, inkluż is-CNE;

3. Iqis li d-digriet li jordna l-għadd mill-ġdid mhuwiex kostituzzjonali u huwa attakk fuq id-demokrazija tal-Honduras;

4. Jistieden lill-partijiet kollha jikkooperaw fl-iżgurar ta’ trasferiment paċifiku tal-poter, filwaqt li jevitaw ir-retorika xewwiexa u l-vjolenza politika, sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà demokratika u jiġu indirizzati l-faqar, l-inugwaljanza u l-insigurtà persistenti li qed jiffaċċja l-poplu tal-Honduras;

5. Jikkundanna l-vjolenza kontra Gladys López; jitlob li ssir investigazzjoni trasparenti u indipendenti biex l-awturi tar-reat jitressqu quddiem il-ġustizzja; jistieden lill-President tal-Kungress li għadu kif intemm il-mandat tiegħu, Luis Redondo, biex joqgħod lura minn kwalunkwe tentattiv li jipprevjeni lill-Kungress li għadu kif ġie elett milli jassumi l-mandat tiegħu;

6. Ifaħħar ir-rwol tal-UE u tal-OAS u japprova s-sejbiet tagħhom, li, fid-dikjarazzjonijiet preliminari tagħhom, jenfasizzaw il-fatt li l-elezzjonijiet saru f’ambjent mimli tensjoni u polarizzat, iżda li jum l-elezzjoni kien organizzat tajjeb u b’mod paċifiku; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Honduras jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti u futuri tal-Missjoni ta’ Osservazzjoni Elettorali tal-UE;

7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet attwali tal-Honduras jiggarantixxu trasferiment tal-poter ordnat u paċifiku, li jirrispetta r-riżultati

pproklamati mis-CNE;

8. Jiddeplora l-fatt li minkejja li għaddiet aktar minn sena, l-ambaxxatur tal-UE għall-Honduras ma ġiex mistieden jippreżenta l-kredenzjali tiegħu; jesprimi t-tama li dan ma jdumx ma jseħħ taħt l-amministrazzjoni li jmiss;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Honduras.